14 ta' Novembru, 1953

Imħallef :
L-Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

Emmanuele Inguanez et. *versus* Giovanni Testa et.

**Ritrattazzjoni — Libell — Notifika — Riferta — Nullità — Art. 819 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*Fil-libell li bih tiġi ntentata ritrattazzjoni ta' kawża minħabba nuqqas jew irregolarità tan-notifika taċ-ċitazzjoni, il-libellant ma għandux bżonn jinserixxi "expressis verbis" domanda "ad hoc" biex tiġi annullata r-riferta li minnha tirriżulta dik in-notifika. Minħabba l-fatt li n-nullità tar-riferta hija l-bażi tat-talba għar-ritrattazzjoni, mhux meħtieġ li dik in-nullità tifforma l-oġġett ta' l-impunjazzjoni tas-sentenza. U l-liġi ma tirrikjedix li għal kull domanda "ad hoc", peress li tikkostitwixxi l-motiv dominanti ta' raġuni jew motiv tar-ritrattazzjoni, hemm bżonn domanda esplicita "ad hoc".*

*Barra minn dan, il-liġi ma tiffavorixxix in-nullitajiet, u sakemm hu possibili ssostni l-validità ta' l-atti impunjati, molto pjù fil-każijiet ta' nullità li mhix komminata testwalment fil-liġi.*

*Għaldaqstant mhux irritu l-libell jekk ir-ritrattazzjoni tiġi mitluba minħabba nuqqas jew irregolarità tan-notifika, u l-konsegwenzjali nullità tar-riferta, mingħajr ma jkun fiha domanda "ad hoc" biex tiġi dikjarata nulla dik ir-riferta.*

Il-Qorti, — Rat il-libell ta' Emmanuele, Giorgio u Carmelo aħwa Inguanez, li bih, wara li ppremettew li b'att ta' ċitazzjoni numru 525 tas-sena 1951, preżentat quddiem din l-Onorabbli Qorti, 'il fuq imsemmi Giovanni Testa, konvenut f'dan il-ġudizzju, wara li ppremetta (a) li b'kuntratt publikat minn Nutar Dottor Antonio Galea fis-7 ta' Novembru

1946, 'il fuq imsemmi Paolo Inguanez, konvenut ukoll f'dan il-ġudizzju, f'ismu proprju u f'isem l-esponenti, u f'isem il-partijiet l-oħra f'dan il-ġudizzju aħwa Inguanez bil-promessa "de rato" tagħhom, ikkostitwixxa servitù a favur ta' l-istess Giovanni Testa, konsistenti fil-permess li jiftaħ bieb ta' garage fil-ħajt tad-dar ta' proprjetà ta' l-istess Testa, Victory Street numru 121, Hal Qormi, għal ġo sqaq privat ta' proprjetà tal-kontendenti aħwa Inguanez u ommhom Elena armla Inguanez, magħluq dan l-isqaq b'rixtellu magħruf bin-numru 122 fl-istess Victory Street, Hal Qormi, kif aħjar deskritt u indikat fl-imsemmi att notarili, kompriż fl-istess servitù d-dritt ta' passaġġ minn fuq dan l-isqaq privat, biex ikun jista' jintuża l-bieb ta' garage ġa riferit; (2) li bi skrittura tal-11 ta' Novembru 1946, transuntata fl-atti ta' l-imsemmi Nutar Dottor Galea fit-22 ta' Novembru 1946, l-esponenti Emmanuele u Giorgio aħwa Inguanez, u ħuthom Antonio, Giuseppa, u Battistina, kif ukoll ommhom Elena armla Inguanez, ippretendew li rratifikaw l-operat tal-konvenut Paolo Inguanez, kif espress fl-att tas-7 ta' Novembru 1946 ġa riferit; (ç) u li l-instanti ġa għame' ix-xogħlijiet rikjesti biex jiftaħ il-bieb tal-garage in kwistjoni, iżda qiegħed jiġi ostakolat fl-eżerċizzju ta' l-imsemmi dritt, partikolarment minn naħa ta' Paolo Inguanez; talab li jiġi dikjarat u deċiż illi huwa (ċjoè Giovanni Testa) għandu d-dritt li jiftaħ il-bieb tal-garage indikat fil-kuntratt publikat minn Nutar Dottor Antonio Galea fis-7 ta' Novembru 1946, u li jgħaddi regolarment mill-isqaq jew passaġġ imsemmi fil-kuntratt hemm fuq indikat, u f'każ li dana l-attur ma jkunx jista' jagħmlu għaliex il-membri tal-familja Inguanez, barra minn Paolo Inguanez, ma jaċċettawx li jsir, li l-istess Paolo Inguanez jiġi dikjarat responsabili għad-danni kollha li l-istess Giovanni Testa sofra jew għad isofri minħabba l-aġir tiegħu — likwidabili dawn id-danni anki f'ġudizzju separat; bl-ispejjeż;

Illi din l-Onorabbli Qorti, b'sentenza tat-23 ta' Novembru 1951, wara li kkunsidrat illi mix-xhieda ta' l-attur Giovanni Testa t-talba tiegħu, kif miġjuba fl-att taċ-ċitazzjoni fl-ewwel lok, kienet tirriżulta ġustifikata, u li in vista ta' din il-ġustifikazzjoni ma kienx hemm lok ta' provvediment dwar

it-tieni talba, iddeċidiet, fil-kontumaċja tal-konvenuti, adeżivament għall-ewwel talba, u ddikjarat li ma hemmx lok ta' provvediment dwar it-tieni talba; bl-ispejjeż kontra l-konvenuti;

Illi, kif jirriżulta mill-atti tal-kawża fuq imsemmija, u partikolarment mid-digriet ta' dina l-Qorti tas-26 ta' Ġunju 1951, fuq rikors ta' *Giovanni* Testa għan-nomina ta' kuraturi biex jirrappreżentaw il-minorenni hemm imsemmija, hemm inkluż l-esponent Carmelo Inguanez, mentri li dana f'dik l-epoka kien ġa maġġjorenni, b'mod illi kien imissu ġie ċitat personalment, u mhux bħala rappreżentat minn kuraturi;

Illi, kif jirriżulta mill-atti ta' l-istess kawża, u partikolarment mir-riferta tal-marixxall fol. 2 tergo tal-proċess, iċ-ċitazzjoni ġiet notifikata lill-esponenti Emmanuele u Giorgio aħwa Inguanez, billi tħalliet kopja f'idejn Elena Inguanez fin-numru 123 Victory Street, Hal Qormi, u ċjoè fl-indirizz fejn, skond l-attur Giovanni Testa, dawn l-esponenti kienu joqgħodu; fil-fatt però, l-esponenti Emmanuele Inguanez kien miżżewweġ, u joqgħod mal-familja tiegħu f'Birkirkara, mentri l-esponent l-ieħor Giorgio Inguanez kien joqgħod ukoll f'indirizz differenti minn ommu, għalkemm f'Hal Qormi stess, u b'dan il-mod in-notifika taċ-ċitazzjoni rigward dawn iż-żewġ esponenti ma kienetx regolari, u kwindi nulla għall-finijiet kollha tal-liġi;

Illi l-ebda wieħed mill-esponenti ma deher fis-smigħ tal-kawża, u, relativament għall-esponent Carmelo Inguanez, ma ġietx mogħtija, u del resto ma setgħetx tingħata, ebda eċċezzjoni ta' illeġittimità tal-persuna, u kwindi ebda deċiżjoni ma ttieħdet u setgħet tittieħed f'dana r-rigward;

Illi fil-meritu l-esponenti jissottomettu..............;

Talbu li tiġi ammessa u ordnata r-ritrattazzjoni ta' l-imsemmija kawża deċiża minn dina l-Qorti fit-23 ta' Novembru 1951, fl-ismijiet "*Giovanni* Testa vs. Paolo Inguanez et.", wara li qabel xejn tiġi mħassra dik is-sentenza, billi, rigward l-esponenti Emmanuele u Giorgio, iċ-ċitazzjoni relativa ma kienetx ġiet notifikata lilhom u huma ma dehrux fis-smigħ tal-kawża, fis-sens ta' l-art. 814 (b) tal-Kodiċi tal-Proċedura

Ċivili, u rigward l-esponent Carmelo Inguanez, waħda mill-partijiet fil-kawża, u ċjoè Paolo Inguanez bħala kuratur ta' l-esponenti, ma kienx persuna leġittima, peress li l-esponent kien maġġorenni, u dana skond l-art. 814 (c) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili; u konsegwentement l-istess Carmelo Inguanez ma ġiex notifikat biċ-ċitazzjoni, u ma deherx għat-trattazzjoni tal-kawża, fis-sens ta' l-art. 814 (b) ta' l-istess Kodiċi tal-Proċedura Ċivili; u jitolbu wkoll li jiġi trattat mill-ġdid il-meritu tal-kawża, u ċjoè l-ewwel talba taċ-ċitazzjoni, li biss tirrigwarda lill-esponenti, u jiġi deċiż għar-riġett ta' l-istess talba; bl-ispejjeż;

Ikkunsidrat, dwar il-preġudizzjali opposta mill-konvenut Testa rigward l-irritwalità tal-libell;

Illi l-konvenut Testa jippretendi li l-libellanti kien imissħom jinserixxu fil-libell "expressis verbis" domanda "ad hoc" biex tiġi annullata l-imsemmija riferta, mentri l-libellanti jsostnu li n-nullità tar-riferta hija l-bażi tar-ritrattazzjoni minnhom mitluba, kif jidher mil-lokuzzjoni adoperata fil-libell, u *ma kienx* hemm bżonn ta' domanda esplicita ta' nullità;

Illi f'dan il-kuntrast hija ta' importanza deċiżiva d-diċitura tal-liġi f'dina l-materja. Skond l-art. 819 (Proċedura Ċivili), "fil-libell, fil-petizzjoni jew fiċ-ċitazzjoni, l-attur għandu jsemmi wieħed wieħed il-kapi tas-sentenza li jkun jattakka, u r-raġunijiet għar-ritrattazzjoni fil-kliem li huma miġjuba fl-art. 814, u għandu jsemmi d-dispożizzjonijiet ta' dak l-artikolu li jgħoddu għal dawk ir-raġunijiet. Barra minn dan, l-attur għandu jfisser, fil-qosor u biċ-ċar, il-fattijiet li minnhom tirriżulta kull waħda minn dawk ir-raġunijiet; u meta r-raġuni hija l-applikazzjoni ħażina tal-liġi, l-attur għandu jsemmi l-liġi li kien imissha ġiet applikata". Imbagħad, fil-parti *konklużjonali*, l-attur għandu jitlob li tiġi revokata s-sentenza impunjata, u li tiġi ritrattata l-kawża (art. 814 tal-Proċedura Ċivili);

Illi minn dana jidher li l-attur mhux obligat jippremetti ebda domanda oħra, mhux eskluża dik tan-nullità tar-riferta, pretiża mill-konvenut Testa; u jekk il-leġislatur, fi proċediment hekk solenni, ittraċċja bir-reqqa kollha l-forma u l-li-

miti tiegħu, mhux leċitu li wieħed jeżiġi formalità mil-leġislatur mhux rikjesta, u jippretendi li, fin-nuqqas, il-libell ikun irritu u null, bil-konsegwenzi ħafna drabi irriparabili għal-libellant;

Illi, kif sewwa osservaw il-libellanti, in-nullità tar-riferta ġiet minnhom dedotta bħala bażi għat-talba tar-ritrattazzjoni, u mhux meħtieġ li tifforma oġġett ta' domanda "ad hoc", peress li tikkostitwixxi l-motiv dominanti ta' l-impunjazzjoni tas-sentenza. *Kieku kienet vera t-teżi tal-konvenut* Testa, għal kull raġuni jew motiv tar-ritrattazzjoni kien ikun hemm bżonn domanda esplicita "ad hoc" — ħaġa dina mhix rikjesta mil-liġi;

Illi fil-fatti, imbagħad, il-libellanti fil-libell tagħhom issottomettew li "dina l-azzjoni preżenti hija bażata kwantu għall-esponenti Emmanuele u *Giorgio* aħwa Inguanez fuq l-art. 814 (b) tal-Proċedura Ċivili, billi ċ-ċitazzjoni ma kienetx ġiet notifikata lilhom, u huma ma kienux deħru fis-smiegħ tal-kawża, u in kwantu għall-esponent *Carmelo* Inguanez hija bażata fuq l-art. 814 (c) u (d) tal-Proċedura Ċivili, peress li f'dik il-kawża hu ma setax ikun rappreżentat minn kuratur, iżda kellu jkun imħarrek personalment, u konsegwentement huwa ma ġiex lanqas debitament notifikat bħala maġġjorenni biċ-ċitazzjoni, u hu lanqas ma deher għat-trattazzjoni tal-kawża. Dawna r-raġunijiet jimpunjaw *irregolarità* u n-nullità tan-notifika, u l-konsegwenzjali nullità tar-riferta relattiva — ċirkustanza dina rilevata testwalment mil-libellanti għarrigward tan-notifika lil Emmanuele u *Giorgio* Inguanez, meta ssottomettew fil-libell li "b'dan il-mod in-notifika taċ-ċitazzjoni rigward dawna ż-żewġ esponenti ma kienetx regolari, u kwindi nulla għall-finijiet kollha tal-liġi" (*fol.* 2 *tergo*). Ta' min josserva, fl-aħħarnett, li l-libellanti, fl-aħħar paragrafu tal-libell (fol. 3 tergo), talbu r-revoka tas-sentenza impunjata u r-ritrattazzjoni tal-kawża għal dawna r-raġunijiet, jiġifieri għar-raġunijiet ġa premessi, kompriża l-irregolarità u n-nullità tan-notifika taċ-ċitazzjoni;

Illi l-liġi ma tiffavorixxix in-nullitajiet, u sakemm ikun possibili ssostni l-validità ta' l-att impunjat, molto pjù f'dan il-każ fejn in-nullità mhix testwali;

Għal dawna r-raġunijiet;

Tiċħad l-eċċezzjoni ta' l-irritwalità tal-libell, opposta mill-konvenut Testa, bl-ispejjeż kontra tiegħu; u tordna li l-kawża titkompla fl-udjenza tat-30 ta' Jannar 1954.